# Ir-Roma u t-Travellers fl-Edukazzjoni Pubblika

Ħarsa ġenerali lejn il-qagħda
fl-Istati Membri ta' l-UE

## Sommarju Eżekuttiv

EUMC 2006

Id-dejta u l-informazzjoni speċifiċi għal pajjiżi partikolari li jinsabu f'dan ir-rapport ġew ipprovduti mill-Punti Fokali Nazzjonali tan-Netwerk Ewropew ta' Informazzjoni dwar ir-Razziżmu u l-Ksenofobija (RAXEN). Dan ir-rapport qed jiġi pprovdut biss għal skopijiet ta' informazzjoni u ma jikkostitwix parir legali jew opinjoni legali.

## Daħla

L-għan ta' dan ir-rapport hu li jippreżenta ħarsa ġenerali tas-sitwazzjoni li jinsabu fiha l-istudenti Roma u Travellers [1] fl-Unjoni Ewropea f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-aċċess għall-edukazzjoni billi jiffoka fuq l-edukazzjoni primarja u sekondarja. Ir-rapport jeżamina firxa ta' dejta u informazzjoni disponibbli dwar l-edukazzjoni ta' studenti Roma u Travellers, kif ukoll strateġiji u linji politiċi edukattivi nazzjonali fis-seħħ, jixħet dawl fuq problemi ta' diskriminazzjoni, esklużjoni u segregazzjoni, jiddeskrivi l-inizjattivi legali u politiċi relevanti ewlenin, kif ukoll perspettivi u attivitajiet ta' protagonisti oħra prinċipali, waqt li jippreżenta konklużjonijiet u opinjonijiet immirati lejn dawk li jfasslu l-politika fi ħdan l-istituzzjonijiet ta' UE u l-Istati Membri.

L-istudji nazzjonali [2] u sorsi oħra li jiffurmaw il-materjal ta' referenza għal dan ir-rapport juru li hemm nuqqas kbir ta' dejta uffiċjali aġġornata dwar l-edukazzjoni tar-Roma u t-Travellers. Filwaqt li jirrikonoxxi u jirrispetta t-tħassib fir-rigward tal-ġbir ta' dejta dwar l-identità u n-nisel etniku, l-EUMC huwa tal-fehma illi dan il-ġbir ta' dejta huwa importanti għall-iżvilupp ta' strateġiji xierqa u effettivi fuq livell nazzjonali u ta' l-UE. Din id-dejta tista' tinġabar b'mod anonimu u bi prekawzjonijiet xierqa li jipproteġu kwalunkwe informazzjoni privata u sensittiva.

Minkejja n-nuqqas kbir ta' dejta uffiċjali, firxa wiesgħa ta' informazzjoni minn sorsi uffiċjali u mhux uffiċjali turi illi għalkemm il-livelli edukattivi jvarjaw bejn pajjiżi u reġjuni differenti u bejn komunitajiet differenti ta' Roma u Travellers, l-aċċess għall-edukazzjoni għar-Roma u t-Travellers għadu problema serja. Matul dawn l-aħħar snin xi Stati Membri indirizzaw din il-kwistjoni b'livelli differenti ta' suċċess, iżda s-sitwazzjoni għadha mhix sodisfaċenti. Għad fadal ħafna xi jsir, b'mod partikolari f'dak li għandu x'jaqsam mas-segregazzjoni li fil-forom kollha tagħha, tibqa' l-akbar ostaklu għat-tfal Roma u Travellers fis-sistema edukattiva. Jeħtieġ illi l-Komunità u l-Istati Membri tagħha jimxu 'l quddiem lejn strateġija aktar komprensiva u kkoordinata li tindirizza l-edukazzjoni tar-Roma u t-Travellers u l-firxa kumplessa ta' fatturi li għandhom effett fuqha.

---

[1] L-użu tat-terminu "Travellers" f'dan id-dokument jirreferi b'mod speċifiku għal grupp etno-kulturali li għandu l-oriġini tiegħu fl-Irlanda.

[2] L-istudji nazzjonali ġew abbozzati mill-Punti Fokali Nazzjonali (PFN) tan-netwerk RAXEN ta' l-EUMC. Il-PFN huma organizzazzjonijiet f'kull Stat Membru ta' l-Unjoni Ewropea li huma mqabbda mill-EUMC biex jiġbru dejta oġġettiva, affidabbli u kumparabbli dwar ir-razziżmu u l-ksenofobija.

Ix-xenarju multi-etniku Ewropew jeħtieġ l-iżvilupp ta' strateġiji edukattivi nazzjonali li jiġġieldu d-diskriminazzjoni u l-preġudizzju, filwaqt li jħeġġu skambju u arrikkiment kulturali sabiex tissaħħaħ il-koeżjoni soċjali, ikun hemm opportunitajiet aktar indaqs u jiġi żviluppat il-kapital soċjali. Dan mhuwiex meħtieġ biss sabiex tittejjeb il-kapaċità tal-kapital uman u jinkiseb aktar ġid ekonomiku, iżda fuq kollox għax l-opportunitajiet indaqs u l-aċċess għas-servizzi huwa dritt fundamentali u valur ewlieni ta' l-Unjoni Ewropea.

Il-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni diretta u sistematika mġarrba mir-Roma u t-Travellers u t-titjib effettiv ta' l-edukazzjoni tagħhom jippreżentaw sfida diffiċli. Madankollu, permezz ta' tmexxija soda u determinata, u permezz ta' sforzi mtejba u aktar ikkoordinati bl-involviment attiv tal-komunitajiet tar-Roma u tat-Travellers, jistgħu jsiru l-bidliet ġenerali meħtieġa fl-istrutturi edukattivi nazzjonali. Dawn jistgħu itejbu l-edukazzjoni tar-Roma u t-Travellers, li għandha effett daqstant importanti fuq l-opportunitajiet tagħhom fil-ħajja.

Skond ir-Rapport Annwali tal-EUMC għall-2005, ir-Roma u t-Travellers huma l-grupp l-aktar vulnerabbli għar-razziżmu. Huma jħabbtu wiċċhom ma' diskriminazzjoni fuq ix-xogħol, fl-akkomodazzjoni u fl-edukazzjoni – minnbarra li huma vittmi regolari ta' vjolenza razzjali fl-Istati Membri kollha ta' l-UE. Ir-Reżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar il-qagħda tar-Roma fl-Unjoni Ewropea, li ġiet adottata fl-2005, bagħtet sinjal b'saħħtu għalina lkoll. Ir-Reżoluzzjoni tippreżenta viżjoni ġdida ta' sħubija msejsa fuq il-konsultazzjoni, il-kooperazzjoni u l-azzjoni kollettiva. Din hija sħubija li tgħaqqad il-prinċipju u l-istat ta' dritt, u li hija mibnija fuq qsim ġust kemm ta' spejjeż kif ukoll ta' impenn.

Beate Winkler

Direttriċi

April 2006

# Sommarju Eżekuttiv

Wieħed mill-valuri Ewropej ewlenin huwa dak ta' opportunitajiet indaqs[3]. Dan japplika b'mod partikolari fil-qasam ta' l-edukazzjoni, li għandha effett kbir fuq l-opportunitajiet futuri fil-ħajja u hija għodda importanti għall-mobilità soċjali. Għalhekk huwa importanti li s-sistemi edukattivi jkunu ġusti sabiex il-benefiċċji tagħhom ikunu jistgħu jitgawdew minn kulħadd mingħajr ebda diskriminazzjoni.

L-edukazzjoni hija strument ewlieni sabiex tinġieb 'il quddiem il-koeżjoni soċjali, li hija waħda mit-tliet objettivi prinċipali ta' l-istrateġija ta' Lisbona 2000, li għandha l-għan li l-UE ssir "l-aktar ekonomija kompetittiva u dinamika mmexxija mill-għarfien". Dan għaliex minnbarra li tipprovdi l-għarfien u tiżviluppa l-ħiliet, l-edukazzjoni tifforma l-attitudnijiet u tagħti s-setgħa liż-żgħażagħ sabiex jadattaw għal kundizzjonijiet soċjali u ekonomiċi li jinbidlu malajr. Kif saħqet il-Kummissjoni Ewropea, l-effiċjenza u l-ekwità jsaħħu lil xulxin[4].

Dan ir-rapport juri li s-sitwazzjoni edukattiva ta' l-istudenti Roma u Travellers għadha mhix sodisfaċenti minkejja sforzi mill-Komunità u l-Istati Membri, u dan fil-biċċa l-kbira jikkonferma s-sejbiet preċedenti ta' rapporti minn korpi oħrajn, bħall-Kunsill ta' l-Ewropa. Ir-rapport preżenti, madankollu, imur lilhinn u jipprovdi valur miżjud billi jiġbor evidenza disponibbli mill-Istati Membri kollha ta' l-Unjoni Ewropea sabiex jippreżenta ħarsa ġenerali tal-qagħda attwali u jipproponi miżuri konkreti.

L-istudenti Roma u Travellers jkomplu jkunu soġġetti għal diskriminazzjoni u esklużjoni diretta u sħiħa fl-edukazzjoni b'riżultat ta' firxa ta' fatturi relatati, fosthom kundizzjonijiet ta' għixien ħżiena, b'mod partikolari livell għoli ta' qgħad, kondizzjonijiet ta' akkomodazzjoni inferjuri u aċċess inadegwat għas-servizzi tas-saħħa. Filwaqt li xi Stati Membri introduċew elementi ta' strateġiji u inizjattivi edukattivi kulturali

[3] Il-Kummissjoni Ewropea ddikjarat l-2007 bħala s-Sena Ewropea għall-Opportunitajiet Indaqs

[4] Kummissjoni Ewropea (2005) *L-Immodernizzar ta' l-edukazzjoni u t-taħriġ: kontribuzzjoni essenzjali għall-prosperità u l-koeżjoni soċjali fl-Ewropa*, Brussell, 30.11.2005 COM(2005) 549 finali jinsab fuq http://www.europa.eu.int/comm/education/policies/2010/doc/progressreport06_mt.pdf (12-10-2005)

jew interkulturali mmirati lejn minoranzi u immigranti, fosthom ir-Roma u t-Travellers, huwa ċar li jridu jiddaħħlu aktar bidliet sistematiċi sabiex tiġi rimedjata l-qagħda preżenti.

Ir-rapport juri wkoll li d-disponibilità ta' statistika uffiċjali dwar l-edukazzjoni tar-Roma u t-Travellers hija fqira. Il-biċċa l-kbira ta' l-Istati Membri għandhom bżonn itejbu jew jiżviluppaw strutturi għall-ġbir ta' dejta u mekkaniżmi li jkopru l-edukazzjoni. Idealment dan għandu jsir f'kollaborazzjoni mal-Kummissjoni Ewropea u ma' l-EUROSTAT, bil-għan li d-dejta tkun aktar kumparabbli billi jiġu stabbiliti indikaturi komuni. Dan għandu jippermetti evalwazzjoni effettiva u preċiża ta' l-impatt ta' linji politiċi, miżuri u inizjattivi meħuda fuq il-livell tal-Komunità, kif ukoll dak nazzjonali u lokali. L-EUMC jirrikonoxxi t-tħassib li ġie espress f'fora differenti dwar il-ġbir ta' dejta etnika, iżda jisħaq dwar l-importanza kruċjali tal-ġbir u l-elaborazzjoni statistika ta' dejta etnika oġġettiva, affidabbli u komparabbli li tippermetti analiżi soda u effettiva li ssostni b'mod effettiv l-iżvilupp ta' strateġiji u miżuri xierqa u effettivi kemm fuq livell nazzjonali kif ukoll ta' l-UE. Din id-dejta tista' tinġabar b'mod anonimu u bi prekawzjonijiet xierqa li jipproteġu l-identità ta' l-individwi u kwalunkwe informazzjoni privata u sensittiva.

Għalkemm l-Istati Membri jipprovdu statistiċi ddettaljati dwar l-edukazzjoni għall-popolazzjoni ġenerali, hemm nuqqas ċar ta' dejta li tagħmel distinzjoni etnika fir-rigward tar-Roma u t-Travellers fuq indikaturi bażiċi, bħar-reġistrazzjoni u l-attendenza fl-iskejjel, kif ukoll dwar ir-riżultati u s-suċċessi fl-iskola. Jista' jagħti l-każ ukoll illi d-dejta demografika disponibbli ma tkunx rappreżentattiva biżżejjed fir-rigward tar-Roma u t-Travellers, speċjalment meta l-affiljazzjoni ma' grupp tkun ibbażata fuq identifikazzjoni etnika jew lingwistika mill-individwu stess, u dan billi l-istigma soċjali u l-isterjotipi negattivi assoċjati ma' l-identità tar-Roma u t-Travellers jistgħu jwasslu biex wieħed jiċħad li jidentifika ruħu bil-miftuħ mal-grupp. Barra minhekk, l-istatistiċi dwar l-edukazzjoni mhumiex direttament komparabbli bejn pajjiżi differenti minħabba l-metodoloġiji differenti użati għall-gbir ta' dejta u minħabba l-istrutturi differenti tas-sistemi edukattivi.

Għalhekk, l-EUMC huwa tal-fehma li għandha tiġi mfaħħra d-deċiżjoni reċenti meħuda f'Jannar 2006 mill-gvern tar-Repubblika Ċeka li approva sistema ġdida ta' monitoraġġ għall-ġbir ta' dejta anonima dwar ir-Roma u t-Travellers li tkopri dawn l-oqsma: l-edukazzjoni, l-attendenza fl-iskejjel, ir-rata tat-twelid, l-immigrazzjoni, il-pagi, il-qgħad u t-tul tiegħu u l-età tal-persuni bla impjieg, in-negozju u l-attivitajiet ta' negozju moħbi tar-Roma u t-Travellers, il-kundizzjonijiet ta' l-akkomodazzjoni tagħhom, it-tagħmir fi djarhom u d-djun tagħhom.

## 1. Sejbiet dwar ir-reġistrazzjoni u l-attendenza fl-edukazzjoni primarja u sekondarja

Id-dejta eżistenti turi illi r-reġistrazzjoni u l-attendenza fl-edukazzjoni primarja hija baxxa fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi, għalkemm f'ċerti pajjiżi hemm varjazzjonijiet ċari reġjonali, ta' stil ta' ħajja u oħrajn bejn gruppi differenti ta' Roma u Travellers (ngħidu aħna fil-Belġju, Franza u l-iSlovenja), filwaqt li l-assenteiżmu huwa problema persistenti, komuni u serja li taffettwa lill-istudenti Roma u Travellers kollha. L-attendenza baxxa u r-rati għoljin ta' assenteiżmu jistgħu minn banda jindikaw li l-istudenti u l-ġenituri mhumiex konvinti mill-importanza ta' l-edukazzjoni, u mill-banda l-oħra li l-iskejjel għandhom it-tendenza li jkollhom atteġġament aktar permissiv fir-rigward ta' l-attendenza tagħhom. Tista' tkun indikazzjoni wkoll li għadd ta' tfal Roma u Travellers jista' jkollhom aċċess diffiċli għall-iskejjel. F'ħafna pajjiżi r-reġistrazzjoni, speċjalment fl-edukazzjoni primarja, kienet irrapportata li tjiebet f'dawn l-aħħar snin, filwaqt li f'oħrajn għadha kritika.

L-evidenza disponibbli tindika li l-mogħdija għal edukazzjoni sekondarja hija baxxa u li r-rati ta' dawk li jitilqu mill-iskola jiżdiedu aktar ma wieħed jikber, b'riżultat ta' sforz biex isibu impjieg bi qliegħ jew minħabba riżultati ħżiena, jew possibilment taħlita tat-tnejn. L-istatistika dwar il-prestazzjoni edukattiva ta' studenti Roma u Travellers speċjalment f'relazzjoni mal-medja nazzjonali hija nieqsa b'mod partikolari, iżda l-evidenza disponibbli, l-aktar minn stħarriġ, tindika li dawn imorru agħar mill-medja u għalhekk għandhom ċans anqas li jiksbu kwalifika edukattiva li twassal għal opportunitajiet interessanti ta' impjieg.

## 2. Sejbiet dwar prattiċi ta' segregazzjoni fl-Istati Membri

Prattiċi formali u informali ta' segregazzjoni ta' studenti Roma u Travellers għadhom għaddejjin, minkejja l-istrateġiji u l-linji politiċi li ġew żviluppati sabiex jiġġielduhom. Għalkemm is-segregazzjoni sistematika m'għadhiex teżisti bħala politika edukattiva, is-segregazzjoni hija pprattikata mill-iskejjel u l-awtoritajiet edukattivi f'diversi modi differenti, l-aktar indiretti. Xi kultant tkun l-effett mhux maħsub ta' linji politiċi u prattiċi, u xi kultant tkun ir-riżultat ta' segregazzjoni residenzjali. Insibu wkoll segregazzjoni fl-istess klassi meta studenti Roma jitpoġġew f'parti differenti tal-kamra. Hemm ukoll arranġamenti fejn dawn jiġu mgħallma fi klassijiet separati fl-istess skola (billi jsegwu

l-istess kurrikulu jew “verżjoni sempliċi”). L-iskejjel u l-awtoritajiet edukattivi ġieli jissegregaw lill-istudenti fuq il-bażi ta’ perċezzjoni tal-“ħtiġijiet differenti tagħhom” u/jew bħala risposta għal kwistjonijiet ta’ imġieba u diffikultajiet fit-tagħlim. Dawn ta’ l-aħħar jistgħu jwasslu wkoll għat-tqegħid frekwenti ta’ studenti Roma fi “skejjel speċjali” għal tfal b’diżabilitajiet mentali, li għadu fenomenu ta’ tħassib fi Stati Membri bħall-Ungerija, l-iSlovakkja u r-Repubblika Ċeka. Madankollu, qegħdin jittieħdu passi sabiex jiġu riveduti l-proċeduri ta’ l-ittestjar u t-tqegħid billi jiġu kkunsidrati n-normi u l-mudelli ta’ mġieba ta’ l-isfond soċjali u kulturali tat-tfal Roma u Travellers.

## 3. Sejbiet dwar fatturi li għandhom effett fuq l-aċċess għall-edukazzjoni u s-suċċess

L-aċċess għall-edukazzjoni u s-suċċess edukattiv tar-Roma u t-Travellers huma affettwati minn diskriminazzjoni u esklużjoni diretta u sistemika fl-edukazzjoni u influwenzati mill-kundizzjonijiet ġenerali tagħhom tal-ħajja. Dawn huma dejjem ikkaratterizzati minn qgħad għoli, akkomodazzjoni inferjuri u aċċess modest għas-servizzi tas-saħħa li flimkien joħolqu ċirku vizzjuż ta’ faqar, esklużjoni u emarġinazzjoni li jaffettwa l-kapaċità tagħhom li jipparteċipaw fl-edukazzjoni u jgawdu minnha. Madankollu, fatturi oħra huma wkoll importanti b’mod kritiku għas-suċċess edukattiv:

- Forom ta’ esklużjoni marbuta mad-dokumentazzjoni meħtieġa għar-reġistrazzjoni jew l-ispejjeż diretti u/jew indiretti ta’ l-edukazzjoni;
- Forom ta’ segregazzjoni fl-iskola jew fil-klassi, inkluż it-trasferiment inġust f’edukazzjoni speċjali għall-persuni b’diżabiltajiet mentali;
- In-nuqqas ta’ materjal u informazzjoni marbuta mar-Roma u t-Travellers fil-kurrikului (b’mod partikolari l-kurrikulu ta’ l-istorja u x-xjenza soċjali) u n-nuqqas ta’ riżorsi li jirrelataw ma’ l-esperjenzi ta’ l-istudenti;
- Għalliema li mhumiex imħarrġin sewwa biex jieħdu ħsieb klassijiet imħalltin etnikament, mhux appoġġjati biżżejjed f’xogħolhom minn medjaturi interkulturali u mhux imħallsin b’mod xieraq bir-riskju li jegħjew kmieni u jiżviluppaw attitudni indifferenti;
- Preġudizzju li jsarraf f’fastidju, akkużi razzjali u twaħħil f’persuni bla ħtija fl-iskola;

- In-nuqqas ta' edukazzjoni tan-nuna importanti għall-assimilazzjoni bikrija tan-normi ta' l-iskola u l-mudelli mistennija ta' mġieba, iżda wkoll sabiex tkun żviluppata l-ħila lingwistika;
- Il-livell edukattiv baxx tal-ġenituri li jaffettwa l-kapaċità tagħhom li jsostnu lil uliedhom fit-tagħlim u jbaxxi l-aspirazzjonijiet tagħhom;
- L-esperjenzi ta' diskriminazzjoni u preġudizzju tal-ġenituri li ma jħalluhomx jagħrfu kif il-kwalifiki edukattivi formali jistgħu jissarfu f'ħajja aħjar u opportunitajiet ta' impjieg aħjar.

## 4. Sfidi ffaċċjati f'proċess ta' bidla fil-linji politiċi

Fl-isforzi tagħhom biex jindirizzaw dawn il-kwistjonijiet, xi Stati Membri ħadu passi biex jirriformaw id-dispożizzjonijiet edukattivi tagħhom, kif ukoll l-istrateġiji ġenerali tagħhom dwar ir-Roma. Madanakollu, l-evidenza turi illi dan il-progress spiss jimxi bil-mod u huwa diffiċli l-aktar minħabba reżistenza mill-gvern lokali u minn ġenituri mhux Roma. Hemm bosta rapporti ta' reazzjonijiet negattivi b'saħħithom minn ġenituri, kif ukoll minn awtoritajiet ta' l-iskejjel u dawk lokali (e.ż. fl-Ungerija, l-iSlovakkja, il-Greċja, Ċipru, ir-Repubblika Ċeka u Spanja) fil-konfront ta' żjieda fin-numru ta' studenti Roma fl-iskejjel ordinarji. F'postijiet fejn jeżistu linji politiċi governattivi dwar ir-Roma u t-Travellers, xi kultant in-nuqqas ta' ppjanar ta' baġit adegwat iwassal biex l-implimentazzjoni ta' miżuri edukattivi mmirati tieħu ħafna żmien jew ma tkunx adegwata. L-Istati Membri jvarjaw fl-istrateġiji tagħhom ta' linji politiċi edukattivi fir-rigward tar-Roma u t-Travellers: xi wħud żviluppaw u implimentaw varjetà ta' linji politiċi edukattivi li jimmiraw speċifikament studenti Roma u Travellers, waqt li oħrajn jindirizzawhom fi ħdan qafas politiku aktar wiesa' ta' miżuri kontra d-diskriminazzjoni jew edukazzjoni interkulturali. Fiż-żewġ każijiet, madanakollu, l-informazzjoni disponibbli dwar l-impatt li jista' jitkejjel u s-sostenibbiltà ta' dawn il-linji politiċi huwa ferm limitat. F'bosta Stati Membri ġew implimentati wkoll varjetà ta' proġetti innovattivi, spiss bl-appoġġ finanzjarju Komunitarju ta' l-UE. B'mod partikolari, il-programm PHARE intuża b'mod estensiv matul il-fażi ta' adeżjoni ta' l-għaxar Stati Membri "ġodda" bil-kisba ta' xi riżultati pożittivi, li eventwalment kellhom effett fuq id-deċiżjonijiet politiċi.

L-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha qed iħabbtu wiċċhom ma' sfida diffiċli biex jiġġieldu d-diskriminazzjoni kontra r-Roma u t-Travellers u biex itejbu l-aċċess ugwali tagħhom għall-edukazzjoni. Madanakollu, linji politiċi aktar bilanċjati b'riżorsi suffiċjenti u bl-involviment attiv tal-komunitajiet Roma u tat-Travellers jistgħu joħolqu l-bidliet sistematiċi meħtieġa fl-istrutturi edukattivi nazzjonali u jtejbu l-

edukazzjoni tagħhom, li taffettwa l-opportunitajiet futuri tal-ħajja tagħhom b'mod daqstant kruċjali.

## 5. Opinjonijiet ta' l-EUMC

L-opinjonijiet ewlenin ta' l-EUMC, li jindirizzaw il-fatturi ewlenin li jaffettwaw il-qagħda tar-Roma u t-Travellers fil-qasam ta' l-edukazzjoni, u li jisħqu dwar il-ħtieġa urġenti li tittieħed azzjoni komprensiva u ffukata fuq il-livelli nazzjonali u lokali bil-parteċipazzjoni attiva ta' rappreżentanti mill-komunitajiet Roma u tat-Travellers, huma dawn[5]:

### Linji politiċi u miżuri ġenerali

- L-Istati Membri u l-awtoritajiet lokali għandhom jindirizzaw fatturi li jaffettwaw lir-Roma u t-Travellers f'oqsma bħall-edukazzjoni, l-akkomodazzjoni, ix-xogħol, is-saħħa, u l-kisba ta' dokumenti personali, b'mod komprensiv permezz ta' l-implimentazzjoni ta' pjanijiet ta' azzjoni mmirati lej dawn il-gruppi. Il-Korpi Nazzjonali ta' l-Ugwaljanza għandhom ikunu responsabbli għall-monitoraġġ sistematiku tal-qagħda;
- L-Istati Membri għandhom jiżviluppaw linji politiċi u miżuri speċifiċi li jippromwovu r-rispett u l-apprezzament ta' l-istorja u l-kultura tar-Roma u t-Travellers, b'mod partikolari billi jinvolvu lill-ġurnalisti u l-mezzi tax-xandir.

### Linji politiċi u miżuri edukattivi

- L-Istati Membri għandhom jiżguraw ukoll illi l-miżuri legali li jipprojbixxu espressament kull forma ta' segregazzjoni diretta jew indiretta fi skejjel jew klassijiet differenti jiddaħħlu fis-seħħ u jiġu implimentati mill-awtoritajiet relevanti permezz ta' sanzjonijiet effettivi, proporzjonati u disważivi.
- L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ miżuri speċifiċi ta' tneħħija tas-segregazzjoni għal tfal Roma u Travellers, b'mod illi

[5] Preżentazzjoni dettaljata ta' l-opinjonijiet ta' l-EUMC tinsab fit-tmiem tar-rapport.

jiżguraw illi l-miżuri ta' tneħħija tas-segregazzjoni jiġu implimentati kif suppost fuq livell lokali.

- L-Istati Membri għandhom iħeġġu b'mod attiv lir-Roma u t-Travellers biex jirreġistraw billi jneħħu ostakli amministrattivi żejda u billi jiżguraw li dawn jiġu pprovduti bid-dokumentazzjoni meħtieġa.
- L-Istati Membri għandhom jiżguraw illi l-iskejjel bi studenti Roma u Travellers jingħataw finanzjament approprjat, u jekk ikun meħtieġ addizzjonali, sabiex ikunu jistgħu jipprovdu edukazzjoni ugwali bħall-iskejjel pubbliċi l-oħrajn kollha.
- L-Istati Membri għandhom jipprovdu inċentivi prattiċi, bħal benefiċċji soċjali addizzjonali lil familji Roma u Travellers, sabiex iħeġġu r-reġistrazzjoni fl-iskejjel tan-nuna, li indirettament tgħin ukoll fl-iżvilupp ta' opportunitajiet ta' xogħol għan-nisa.
- L-awtoritajiet edukattivi għandhom jiżguraw illi l-istudenti Roma u Travellers kollha jkollhom aċċess b'xejn għall-edukazzjoni obbligatorja u mhux obbligatorja, inkluża l-edukazzjoni għolja, li tfisser illi l-ispejjeż (e.ż. il-miżati tat-tagħlim, l-ispejjeż ta' kotba, materjal edukattiv ieħor, transport, eċċ.) għandhom ikunu koperti minn boroż ta' studju u skemi ta' appoġġ għall-miżati tat-tagħlim.
- L-awtoritajiet edukattivi għandhom jistabbilixxu programmi speċjali ta' rtirar sabiex jittrasferixxu u jintegraw lill-istudenti Roma u Travellers fl-edukazzjoni regolari.
- L-awtoritajiet edukattivi għandhom jiżguraw illi l-istudenti ta' komunitajiet li jivjaġġaw ikunu appoġġati permezz ta' miżuri pedagoġiċi speċjali mfassla biex jintegrawhom fl-iskejjel lokali tar-residenza temporanja tagħhom, biex josservaw il-progress tagħhom b'mod sistematiku, u biex jippromwovu l-użu ta' edukazzjoni mill-bogħod.
- L-awtoritajiet edukattivi għandhom ikkunsidraw li jagħmlu lezzjonijiet tal-lingwa Romani disponibbli bħala kors mhux obbligatorju għall-istudenti kollha b'konċentrazzjoni partikolarment għolja ta' Roma. Il-komunità Roma għandha tiġi kkonsultata fir-rigward ta' l-użu tal-lingwa Romani fl-iskejjel, billi xi kultant jista' jkun hemm opinjonijiet differenti.
- L-awtoritajiet edukattivi għandhom ifasslu u jimplimentaw kampanji għall-ħolqien ta' kuxjenza li jippromwovu l-edukazzjoni fl-iskejjel tan-nuna fuq livell lokali, bl-involviment ta' rappreżentanti Roma u Travellers u awtoritajiet lokali. L-emfasi għandu jkun fuq miżuri

konkreti biex jiġu involuti l-ġenituri Roma u Travellers fl-edukazzjoni tan-nuna sabiex jittaffew il-biżgħat ta' assimilazzjoni jew fastidju.

- L-awtoritajiet edukattivi għandhom jiżguraw illi l-prattiċi diskriminatorji kollha li jirriżultaw mill-allokazzjoni ta' numru għoli u sproporzjonat ta' studenti Roma u Travellers f'edukazzjoni speċjali jiġu mibdula bi proċeduri ta' evalwazzjoin u testijiet psiko-pedagoġiċi, li jikkunsidraw kwistjonijiet lingwistiċi u normi soċjo-kulturali differenti, u li għandhom jiġu żviluppati bl-involviment ta' rappreżentanti Roma u Travellers.
- L-awtoritajiet edukattivi għandhom jiżguraw illi l-proċeduri ta' evalwazzjoni u ta' testijiet psiko-pedagoġiċi jiġu ssorveljati b'mod sistematiku bl-involviment dirett tal-ġenituri.
- L-awtoritajiet edukattivi għandhom jiżguraw illi l-istorja u l-kultura tar-Roma u tat-Travellers tkun inkluża fil-kotba ta' l-iskejjel, u li tingħata attenzjoni partikolari lill-esperjenza tar-Roma matul l-Olokawst. Għandu jiġi pprovdut materjal dwar kontribuzzjonijiet importanti minn Roma u Travellers li saru f'pajjiżi individwali u fl-Ewropa.
- L-awtoritajiet edukattivi għandhom jiżguraw illi l-għalliema li jaħdmu fi klassijiet etnikament imħallta jingħataw taħriġ speċjali, jitħallsu b'mod adegwat u jkollhom l-appoġġ ta' esperti u medjaturi interkulturali. L-għalliema għandhom ikunu konxji dwar il-ħtieġa li jinvolvu lill-istudenti Roma u Travellers aktar fil-klassi, u mhux ineħħulhom il-motivazzjoni billi jkunu anqas esiġenti fil-konfront tagħhom.
- L-iskejjel għandhom jissorveljaw b'mod sistematiku n-nuqqas ta' attendenza u l-iskartar u jinvolvu b'mod attiv lill-ġenituri sabiex jiżguraw illi t-tfal jattendu l-iskola regolarment. B'hekk l-iskejjel ikunjistgħu jifhmu aħjar ir-raġunijiet għan-nuqqas ta' attendenza u jiżviluppaw miżuri xierqa.
- L-iskejjel għandhom joħolqu kuxjenza dwar il-kisbiet ta' suċċessi edukattivi minn studenti Roma u Travellers, u l-awtoritajiet relevanti għandhom jiżguraw illi l-individwi kkwalifikati jingħataw appoġġ biex isibu impjieg xieraq sabiex juru l-konnessjoni bejn is-suċċessi edukattivi u l-opportunitajiet aħjar fil-ħajja.
- L-iskejjel għandhom jagħmlu sforzi kbar biex jinvolvu lill-ġenituri Roma u Travellers f'attivitajiet relatati ma' l-iskola sabiex itejbu il-ftehim reċiproku. L-iskejjel għandhom jattiraw lill-ġenituri billi

jirrispettaw il-valur u l-kultura tagħhom u billi jirrikonoxxu l-kontribut tagħhom fl-edukazzjoni ta' wliedhom.

- Jeħtieġ illi l-awtoritajiet lokali jipprovdu lill-komunitajiet li jivjaġġaw b'faċilitajiet li jtejbu l-istandard ta' l-għixien tagħhom. L-iskejjel jeħtieġu jiżviluppaw miżuri pedagoġiċi biex jintegrawhom fil-popolazzjoni ta' l-iskola billi jirrikonoxxu n-nomadiżmu bħala stil ta' ħajja leġittimu u rispettat.

**Monitoraġġ u ġbir ta' dejta**

- L-awtoritajiet edukattivi għandhom jiġbru b'mod sistematiku statistika li tagħmel distinzjoni etnika dwar il-qagħda edukattiva tar-Roma u t-Travellers li tiddetermina wkoll l-impatt tal-linji politiċi u miżuri.
- F'dan ir-rigward, l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw li jikkooperaw mal-Kummissjoni Ewropea u l-Eurostat sabiex jiżviluppaw indikaturi statistiċi komuni għall-monitoraġġ effettiv ta' l-edukazzjoni ta' l-istudenti Roma u Travellers.